MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1933/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Daniela Bartoli sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Daniela Bartoli.**
**Vs**
**Joseph Bonello**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta Settembru 2003, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mitejn u tmenin lira sebgha u erbghin centezmu (Lm280.47) rapprezentanti danni nkorsi mill-atturi in segwitu ta incident stradali li sehh nhar it-12 ta Dicembru 2002 quddiem l-ghassa ta San Giljan bejn il-vettura numru ta registrazzjoni LAC 138 proprjeta ta Daniela Bartoli assikurata mas-socjeta attrici u l-vettura numru EAD 419 misjuqa mill-konvenut liema incident gara unikament tort tal-istess konvenut prevja dikjarazzjoni f’dan is-sens.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali datata 26 ta Gunju 2003 u ta ittra ufficcjali ohra prezentata kontestwalment ma dana l-att a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta Malta. u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficcjali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-12 ta Dicembru 2003 fejn gie kkontestat ir-responsabbilita tal-incident in kwistjoni stante li ghall-istess habta kellu jahti s-sewwieq Roderick Bartoli. Bl-ispejjes kollha inkluza tal-ittra ufficcjali datata 7 ta Awissu 2003 kontra l-atturi.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami ma giex prodott rapport u skizz tal-pulizija jew tal-warden in vista tal-fatt illi s-sewwieqa kienu ftiehmu li ser jirrangaw flimkien bonarjament. Illi ghalhekk dwar kif sehh l-incident ghandna biss bhala prova l-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa rispettivi.

L-incident gara fl-inhawi tal-ghassa tal-pulizija ta San Giljan f’gurnata mimlija traffiku gej minn kul naha. Roderick Bartoli xehed li huwa kien biswit ir-roundabout u ried jaqsam il-linja tat-traffiku biex jitla t-telgha ta fejn hemm ir-Ryans Pub. Kien hemm vettura li cedietlu u ghalhekk huwa beda jaqsam it-trieq. Hekk kif kien qed jimxi, l-vettura li kienet quddiem il-karozza li cedietlu u kwindi huwa kien ghaddej minn bejniethom fettlilha li taqbad u tirriversja bil-konsegwenza li dahlet go fih. Is-sewwieq involut ammetta t-tort u skuza ruhu. Qal ukoll li kien ser jirranga kollox hu ghax ma xtaqx jinvolvi l-assikurazzjoni tieghu.

Il-konvenut Joseph Bonello xehed li huwa kien wieqaf fit-traffiku qabel ma taqbad ir-roundabout faccata tal-ghassa ta San Giljan. Kien hemm vann idur mar-roundabout li xtaq ighaddi minn bejnhu u l-vettura ta quddiemu. Peress li kien hemm ftit spazju, l-konvenut hares lejn ix-xellug u

lejn il-lemin biex jara jistax jirriversja ftit. Ra li kien hemm ftit tal-ispazju bejnhu u l-vettura ta warajh li jiftakar li kienet Astra hadra u kwindi beda jirriversja. Kif ghamel din il-manuvra ta reversing hass il-vettura tieghu tistrieh ma vettura ohra bhallikieku qed twaqqfu. Kif rega hares ra vettura ohra tal-kulur iswed warajh fuq in-naha tal-lemin u li qabel ma rriversja ma kienx raha. Il-konvenut ma kellu ebda hsara fil-vettura tieghu filwaqt li l-vettura s-sewda kellha l-bieba tas-sewwieq mghattan (liema hsara fil-fatt tidher fir-ritratt esebit a fol 17 tal-process). Il-konvenut ighid li meta huwa hares qabel ma ghamel il-manuvra kien hemm distanza ta xi metru biss mal-karozza ta warajh u kwindi spazju zghir wisq biex tghaddi vettura. Il-konvenut ighid li l-pulizija ma gewx ghax meta mar ghalihom qalulu biex jimlew il-formola front to rear u ebda wiehed mis-sewwieqa ma kellu wahda. Jichad li qatt ammetta xi tort jew li kien skuza ruhu.
In kontro-ezami l-konvenut ikompli jinsisti li kellu jiltaqa ma Bartoli biex timtela l-formola u mhux biex ihallsu. Jinsisti wkoll li kemm qabel u kif ukoll waqt il-manuvra ta reversing huwa kien qed ihares lura fizikament u mhux mill-mirja. Izid jghid li ghalkemm huwa baqa dejjem ihares lura fizikament, lill-vettura ta Bartoli baqa qatt ma raha. Jirrizulta wkoll li l-vann tieghu ma fihiex twieqi fil-gemb izda ghandha fuq in-naha ta wara.

Illi t-Tribunal ihoss li l-konvenut ma hux kredibbli meta jallega li huwa kien qed ihares il-hin kollu waqt il-manuvra ta reverse. Li kieku kien qed ihares b’mod fiziku (u mhux lejn il-mirja) kien tassew f’xi mument jara l-vettura ta Bartoli. Difatti in ezami l-konvenut stess ighid illi qabel ma rriversja huwa ccekkja “kemm minn naha tax-xellug tieghi u kif ukoll in-naha tal-lemin”. B’dan id-diskors huwa jaghti x’jifhem li hares lejn il-mirja tal-gnub u mhux li dar fisikament ihares lura. Ikompli jghid in ezami li “meta jiena rriversjajt hassejtni nistrieh ma vettura ohra …..u hassejt xi haga twaqqafni”. Il-fatt li l-konvenut ma ra xejn izda hass biss ikompli jikkonferma li huwa ma kienx qed ihares izda semplicement qabad u rriversja ftit wara li dehrlu li kien kollox clear meta ftit sekondi qabel kien hares lejn il-mirja.

Illi ma hemmx dubbju li legalment kien l-obbligu tal-konvenut li waqt il-manuvra tar-reverse huwa kellu jzomm a proper look out ghal dak li ghandu warajh liema look out ghandha tibqa fis-sehh matul il-perjodu kollu tal-manuvra mill-bidu sa l-ahhar u mhux biss fil-mument ta qabel ma tkun tibda ser issir il-manuvra kif donnu gara f'dan il-kaz.

Illi ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni apparti l-fatt li jinsabu soddisfacentement ipprovati permezz tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif mitluba ta mitejn u tmenin lira sebgha u erbghin centemzu (Lm280.47) bl-imghax legali dekorribbli mill-prezentata ta dana l-att u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------